DIRETTIVA 2006/44/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Settembru 2006

dwar il-kwalità ta' l-ilma ħelu li għandu bżonn protezzjoni jew titjib sabiex tkun sostnuta l-ħajja tal-ħut

(verżjoni kodifikata)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 78/659/KEE tat-18 ta' Lulju 1978 dwar il-kwalità ta' l-ilma ħelu li għandu bżonn protezzjoni jew titjib sabiex tkun sostnuta l-ħajja tal-ħut [3] ġiet emendata b'mod sinifikanti f'diversi okkażjonijiet [4]. Fl-interess taċ-ċarezza u r-razzjonalità dik id-Direttiva għandha tkun kodifikata.

(2) Il-protezzjoni u t-titjib ta' l-ambjent jeħtieġu miżuri konkreti għall-protezzjoni ta' l-ilmijiet kontra t-tniġġis, inkluż l-ilma ħelu li kapaċi jsostni l-ħajja tal-ħut.

(3) Mill-perspettiva ekoloġika u ekonomika huwa meħtieġ li jiġu salvagwardati l-popolazzjonijiet tal-ħut minn konsegwenzi dannużi varji li jirriżultaw mit-tnixxija ta' sustanzi li jniġġsu fl-ilmijiet, bħal, b'mod partikolari, it-tnaqqis fin-numru ta' ħut ta' ċerti speċi kif ukoll f'xi każijiet l-għajbien ta' numru ta' dawn l-ispeċi.

(4) Id-Deċiżjoni Nru 1600/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi s-Sitt Programm Komunitarju ta' Azzjoni Ambjentali [5] hija mfassla sabiex jintlaħqu livelli fil-kwalità ta' l-ilma tal-wiċċ li ma jagħtux lok għal impatti sinifikanti fuq, u riskji għal, l-ambjent.

(5) Id-diskrepanzi bejn id-dispożizzjonijiet applikabbli fl-Istati Membri differenti fir-rigward tal-kwalità ta' l-ilma ħelu li kapaċi jsostni l-ħajja tal-ħut jistgħu jagħtu lok għal kondizzjonijiet mhux indaqs tal-kompetizzjoni u għalhekk ikollhom impatt dirett fuq il-funzjonament tas-suq intern.

(6) Sabiex jiksbu l-objettivi ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jinnominaw l-ilmijiet li għalihom għandha tapplika u jridu jistabbilixxu l-valuri ta' limitu li jikkorrispondu għal ċerti parametri. L-ilmijiet nominati hekk għandhom jinġiebu f'konformità ma' dawn il-valuri fi żmien ħames snin minn meta jiġu nominati.

(7) Għandu jsir provvediment li l-ilma ħelu li kapaċi jsostni l-ħajja tal-ħut jitqies, taħt ċerti kondizzjonijiet, konformi mal-valuri parametriċi rilevanti anki jekk ċertu perċentwali ta' kampjuni meħuda ma jkunux konformi mal-limiti speċifikati.

(8) Biex jiġi żgurat li l-kwalità ta' l-ilma ħelu li kapaċi jsostni l-ħajja tal-ħut hija kontrollata, għandhom jittieħdu numru minimu ta' kampjuni u għandu jitwettaq il-kejl relatat ma' parametri speċifiċi, kif anness hawnhekk. Tali teħid ta' kampjuni jista' jitnaqqas jew ma jitkompliex fid-dawl tal-kwalità ta' l-ilma.

(9) L-Istati Membri mhumiex kapaċi jikkontrollaw ċerti ċirkostanzi naturali u għalhekk huwa meħtieġ li jsir provvediment għall-possibbiltà ta' deroga minn din id-Direttiva f'ċerti każijiet.

(10) Il-progress tekniku u xjentifiku jista' jsejjaħ għall-addattament rapidu ta' ċerti rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I. Sabiex tiġi faċilitata l-introduzzjoni tal-miżuri meħtieġa għal dan il-għan, għandha tiġi stipulata proċedura li biha tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [6].

(11) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fil-Parti B ta' l-Anness III,

[1] ĠU C 117, 30.4.2004, p. 11.
[2] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' April 2004 (ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 545) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2006.
[3] ġu L 222, 14.8.1978, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ġu L 122, 16.5.2003, p. 36).
[4] Ara l-Parti A ta' l-Anness III.
[5] ĠU L 242, 10.9.2002, p. 1.
[6] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tikkonċerna l-kwalità ta' l-ilma ħelu u għandha tapplika għal dawk l-ilmijiet nominati mill-Istati Membri li jeħtieġu protezzjoni jew titjib sabiex isostnu l-ħajja tal-ħut.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal ilmijiet f'vaski tal-ħut naturali jew artifiċjali li jintużaw għat-trobbija intensiva tal-ħut.

3. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tipproteġi jew ittejjeb il-kwalità ta' dak l-ilma ħelu ġieri jew li qiegħed jsostni, jew li, jekk it-tniġġis jitnaqqas jew jiġi eliminat, isir kapaċi jsostni, ħut li jagħmel parti minn:

(a) speċi indiġeni li joffru diversità naturali;

(b) speċi li l-preżenza tagħhom hija ġġudikata mixtieqa għall-finijiet ta' ġestjoni ta' l-ilma mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri.

4. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) ilmijiet salmonidi għandha tfisser ilmijiet li jsostnu jew li jsiru kapaċi jsostnu ħut li jagħmel parti minn speċi bħal salamun (Salmo salar), trota (Salmo trutta), *grayling* (Thymallus thymallus) u *whitefish* (Coregonus);

(b) ilmijiet ċiprinidi għandha tfisser ilmijiet li jsostnu jew isiru kapaċi jsostnu ħut li jagħmel parti miċ-ċiprinidi (Cyprinidae), jew speċi oħrajn bħal lizz (Esox lucius), perċa (Perca fluviatilis) u sallur (Anguilla anguilla).

Artikolu 2

Il-parametri fiżiċi u kimiċi applikabbli għall-ilmijiet nominati mill-Istati Membri huma elenkati fl-Anness I.

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' dawn il-parametri, l-ilmijiet huma maqsumin f'ilmijiet salmonidi u ilmijiet ċiprinidi.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom, għall-ilmijiet nominati, jistabbilixxu valuri għall-parametri elenkati fl-Anness I, fir-rigward ta' valuri elenkati fil-kolonna G jew kolonna I. Huma għandhom jikkonformaw mal-kummenti li jinsabu f'kull waħda minn dawn iż-żewġ kolonni.

2. L-Istati Membri m'għandhomx jistabbilixxu valuri inqas stretti minn dawk elenkati fil-kolonna I ta' l-Anness I u għandhom jippruvaw jirrispettaw il-valuri f'kolonna G b'kont meħud tal-prinċipju mniżżel fl-Artikolu 8.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw ilmijiet salmonidi u ilmijiet ċiprinidi u jistgħu sussegwentement jagħmlu nomini addizzjonali.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrivedu n-nomina ta' ċerti ilmijiet minħabba fatturi mhux prevedibbli fil-mument tan-nomina, b'kont meħud tal-prinċipju mniżżel fl-Artikolu 8.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi sabiex inaqqsu t-tniġġis u jiżguraw li l-ilmijiet nominati jikkonformu, fi żmien ħames snin min-nomina skond l-Artikolu 4, kemm mal-valuri stabbiliti mill-Istati Membri skond l-Artikolu 3 kif ukoll mal-kummenti li jinsabu fil-kolonni G u I ta' l-Anness I.

Artikolu 6

1. Għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 5, l-ilmijiet nominati għandhom jitqiesu li jikkonformaw ma' din id-Direttiva jekk il-kampjuni ta' tali ilmijiet, meħudin fil-frekwenza minima speċifikata fl-Anness I fl-istess punt ta' teħid ta' kampjuni u fuq perijodu ta' 12-il xahar, juru li huma jikkonformaw kemm mal-valuri stabbiliti mill-Istati Membri skond l-Artikolu 3 kif ukoll mal-kummenti li jinsabu fil-kolonni G u I fl-Anness I, fil-każ ta':

(a) 95 % tal-kampjuni għall-parametri: pH, BOD_5, nitriti, ammonja mhux jonizzata, ammonju totali, klorin residwu totali, żingu totali u ram maħlul. Meta l-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni hija aktar baxxa minn kampjun wieħed kull xahar, kemm il-valuri msemmija hawn fuq kif ukoll il-kummenti għandhom ikunu rispettati fil-kampjuni kollha;

(b) il-perċentwali elenkati fl-Anness I għall-parametri: it-temperatura u l-ossiġnu f'soluzzjoni;

(ċ) il-konċentrazzjoni medja stabbilita għall-parametri: solidi f'sospensjoni.

2. Każijiet li fihom il-valuri stabbiliti mill-Istati Membri skond l-Artikolu 3 jew il-kummenti li jinsabu fil-kolonni G u I ta' l-Anness I mhumiex rispettati m'għandhomx ikunu kkunsidrati fil-kalkolu tal-perċentwali previsti fil-paragrafu 1 meta huma r-riżultat ta' għarar jew diżastri naturali oħrajn.

Artikolu 7

1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom iwettqu operazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni, li l-frekwenza minima tagħhom hija stabbilita fl-Anness I.

2. Fejn l-awtorità kompetenti tirreġistra li l-kwalità ta' l-ilmijiet nominati hija sostanzjalment ogħla minn dik li kieku tirriżulta mill-applikazzjoni tal-valuri stabbiliti skond l-Artikolu 3 u l-kummenti li jinsabu fil-kolonni G u I ta' l-Anness I, il-frekwenza tat-teħid ta' kampjuni tista' titnaqqas. Fejn m'hemmx tniġġis jew m'hemmx riskju ta' deterjorament fil-kwalità ta' l-ilmijiet, l-awtorità kompetenti konċernata tista' tiddeċiedi li m'hemmx ħtieġa ta' teħid ta' kampjuni.

3. Jekk it-teħid ta' kampjuni juri li valur stabbilit minn Stat Membru skond l-Artikolu 3 jew kumment li jinsab fil-kolonni G jew I ta' l-Anness I mhuwiex irrispettat, l-Istat Membru għandu jistabbilixxi jekk dan huwiex ir-riżultat ta' kumbinazzjoni, fenomenu naturali jew tniġġis u għandu jadotta miżuri adatti.

4. Il-punt eżatt ta' teħid ta' kampjuni, id-distanza minn dan il-punt sal-punt l-aktar qrib fejn sustanzi li jniġġsu jnixxu u l-fond li fih għandhom jittieħdu l-kampjuni għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru abbażi tal-kondizzjonijiet ambjentali lokali b'mod partikolari.

5. Ċerti metodi ta' referenza ta' analiżi għall-parametri konċernati huma mniżżlin fl-Anness I. Il-laboratorji li jużaw metodi oħrajn għandhom jiżguraw li r-riżultati miksubin huma ekwivalenti jew komparabbli ma' dawk speċifikati fl-Anness I.

Artikolu 8

L-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda skond din id-Direttiva ma jistgħu bl-ebda mod iwasslu għal żieda fit-tniġġis ta' ilma ħelu, sew direttament jew indirettament.

Artikolu 9

L-Istati Membri jistgħu fi kwalunkwe ħin jistabbilixxu valuri aktar stretti għall-ilmijiet nominati minn dawk stabbiliti f'din id-Direttiva. Huma jistgħu wkoll jistabbilixxu dispożizzjonijiet relatati għal parametri barra minn dawk previsti f'din id-Direttiva.

Artikolu 10

Meta l-ilma ħelu jaqsam jew jifforma fruntieri nazzjonali bejn l-Istati Membri u meta wieħed minn dawn l-Istati jikkunsidra jinnomina dawn l-ilmijiet, dawn l-Istati għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex jiddeterminaw il-firxa ta' tali ilmijiet li għalihom tista' tapplika din id-Direttiva u l-konsegwenzi li għandhom jinħarġu mill-objettivi komuni ta' kwalità; dawn il-konsegwenzi għandhom ikunu determinati, wara konsultazzjonijiet formali, minn kull Stat konċernat. Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa f'dawn id-deliberazzjonijiet.

Artikolu 11

L-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn din id-Direttiva:

(a) fil-każ ta' ċerti parametri mmarkati (0) fl-Anness I, minħabba temp eċċezzjonali jew kondizzjonijiet ġeografiċi speċjali;

(b) meta l-ilmijiet nominati jgħaddu minn arrikkiment naturali f'ċerti sustanzi, bil-konsegwenza li l-valuri stabbiliti fl-Anness I mhumiex irrispettati.

Arrikkiment naturali jfisser il-proċess li bih ilma partikolari jirċievi mill-ħamrija ċerti sustanzi li qegħdin fiha, mingħajr intervent uman.

Artikolu 12

Tali emendi kif huma meħtieġa għall-addattament għall-progress tekniku u xjentifiku tal-valuri G għall-parametri u l-metodi ta' analiżi li jinsabu fl-Anness I għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2).

Artikolu 13

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat dwar l-Addattament għall-Progress Tekniku u Xjentifiku, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, waqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 14

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar:

(a) l-ilmijiet nominati skond l-Artikolu 4(1), f'forma imqassra;

(b) ir-reviżjoni tan-nomina ta' ċerti ilmijiet skond l-Artikolu 4(2);

(ċ) id-dispożizzjonijiet stipulati sabiex jiġu stabbiliti parametri ġodda skond l-Artikolu 9;

(d) l-applikazzjoni tad-derogi mill-valuri elenkati fil-kolonna I fl-Anness I.

B'mod aktar ġenerali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni, fuq talba raġunata minn din ta' l-aħħar, bi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 15

F'intervalli ta' tliet snin, u għall-ewwel darba għall-perijodu 1993 sa 1995 inklużi, l-Istati Membri għandhom jibgħatu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, fil-forma ta' rapport settorjali li għandu wkoll ikopri Direttivi Komunitarji pertinenti oħrajn. Ir-rapport għandu jitfassal abbażi ta' kwestjonarju jew punti prinċipali mħejjija mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 ta' Diċembru 1991 li tistandardizza u tirrazzjonalizza rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi fuq l-ambjent ([1]). Il-kwestjonarju jew il-punti prinċipali għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri sitt xhur qabel il-bidu tal-perijodu kopert mir-rapport. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni fi żmien disa' xhur mill-għeluq tal-perijodu ta' tliet snin li jkoprih.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport Komunitarju dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien disa' xhur minn meta tirċievi r-rapporti mill-Istati Membri.

Artikolu 16

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

Artikolu 17

Id-Direttiva 78/659/KEE hija b'dan imħassra, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri relatati mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżlin fil-Parti B ta' l-Anness III.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 18

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 19

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, is-6 ta' Settembru 2006.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES	P. LEHTOMÄKI

([1]) ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

ANNESS I

LISTA TA' PARAMETRI

Parametru	Ilmijiet salmonidi		Ilmijiet ċiprinidi		Metodi ta' analiżi jew spezzjoni	Teħid ta' kampjuni minimu u frekwenza tal-kejl	Osservazzjonijiet
	G	I	G	I			
1. Temperatura (°C)	1. Temperatura mkejla 'l isfel minn punt ta' tnixxija termali (fit-tarf taż-żona tat-taħlit) m'għandhiex teċċedi t-temperatura mhux affettwata b'aktar minn:				Termometrija	Kull ġimgħa, kemm 'il fuq kif ukoll 'l isfel mill-punt ta' tnixxija termali	Varjazzjonijiet immedjati żżejjed fit-temperatura għandhom jiġu evitati
		1,5 °C		3 °C			
	Derogi limitati fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku jistgħu jiġu deċiżi mill-Istati Membri f'kondizzjonijiet partikolari jekk l-awtorità kompetenti tista' tagħti prova li m'hemmx konsegwenzi dannużi għall-iżvilupp bilanċjat tal-popolazzjoni tal-ħut						
	2. Tnixxijiet termali m'għandhomx jikkawżaw li t-temperatura mkejla 'l isfel mill-punt ta' tnixxija termali (fit-tarf taż-żona tat-taħlit) teċċedi li ġej:						
		21,5 (0)		28 (0)			
		10 (0)		10 (0)			
	Il-limitu ta' 10 °C tat-temperatura japplika biss għall-perijodi ta' trobbija ta' l-ispeċi li jeħtieġu ilma kiesaħ għar-riproduzzjoni u biss għall-ilmijiet li jista' jkun fihom tali speċi						
	Limiti ta' temperatura jistgħu, madankollu, jkunu maqbuża għal 2 % taż-żmien.						

Parametru	Ilmijiet salmonidi		Ilmijiet ċiprinidi		Metodi ta' analiżi jew spezzjoni	Teħid ta' kampjuni minimu u frekwenza tal-kejl	Osservazzjonijiet
	G	I	G	I			
2. Ossiġnu maħlul (mg/l O_2)	50 % ≥ 9 100 % ≥ 7	50 % ≥ 9 Meta l-konċentrazzjoni ta' l-ossiġnu tinżel taħt 6 mg/l, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti prova li din is-sitwazzjoni mhix se jkollha konsegwenzi dannużi għall-iżvilupp bilanċjat tal-popolazzjoni tal-ħut	50 % ≥ 8 100 % ≥ 5	50 % ≥ 7 Meta l-konċentrazzjoni ta' l-ossiġnu tinżel taħt 4 mg/l, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7(3). L-awtorità kompetenti għandha tagħti prova li din is-sitwazzjoni mhix se jkollha konsegwenzi dannużi għall-iżvilupp bilanċjat tal-popolazzjoni tal-ħut	Il-metodu Winkler jew elettrodi speċifiċi (metodu elettro-kemikali)	Kull xahar, minimu ta' kampjun wieħed rappreżentattiv ta' kondizzjonijiet ta' ossiġnu baxx tal-jum tat-teħid ta' kampjun Madankollu, fejn hemm suspett ta' varjazzjonijiet kbar ta' kuljum, għandu jittieħed minimu ta' kampjuni ta' jumejn f'jum wieħed	
3. pH		6 to 9 (0) (1)		6 to 9 (0) (1)	Kalibrar ta' l-elettrometrija permezz ta' żewġ soluzzjonijiet b'valuri pH magħrufin, preferibbilment fuq kull naħa ta', u viċin tal-pH li jkun qiegħed jiġi mkejjel	Kull xahar	
4. Solidi f'sospensjoni (mg/l)	≤ 25 (0)		≤ 25 (0)		Filtrazzjoni permezz ta' membrana ta' filtrazzjoni ta' 0.45 µm, jew ċentrifugazzjoni (minimu ta' ħames minuti, aċċellerazzjoni medja ta' 2 800 sa 3 200 g) tnixxif f'105 °C u wżin		Il-valuri murija huma konċentrazzjonijiet medji u ma japplikawx għal solidi f'sospensjoni bi proprjetajiet kimiċi dannużi Għarar jistgħu jikkawżaw konċentrazzjonijiet partikolarment għolja
5. BOD_5 (mg/l O_2)	≤ 3		≤ 6		Determinazzjoni ta' l-O_2 bil-metodu Winkler qabel u wara ħamest ijiem inkubazzjoni fi dlam totali f'20 ± 1 °C (in-nitrifikazzjoni m'għandhiex tkun imfixkla)		

Parametru	Ilmijiet salmonidi		Ilmijiet ċiprinidi		Metodi ta' analiżi jew spezzjoni	Teħid ta' kampjuni minimu u frekwenza tal-kejl	Osservazzjonijiet
	G	I	G	I			
6. Fosfru totali (mg/l P)					Spettrofotometrija ta' assorbiment molikulari		Fil-każ ta' lagi ta' fond medju bejn 18 u 300 m, tista' tiġi applikata l-formula li ġejja: $L \leq 10 \frac{\overline{Z}}{Tw} \left(1+\sqrt{Tw}\right)$ Fejn: L = tagħbija espressa bħala mg P għal kull metru kwadru tal-wiċċ tal-lag f'sena waħda $\overline{Z}$ = fond medju tal-lag f'metri Tw = żmien ta' rkupru teoretiku ta' l-ilma tal-lag fi snin F'każijiet oħrajn valuri ta' limitu ta' 0.2 mg/l għal ilmijiet salmonidi u ta' 0.4 mg/l għal dawk ċiprinidi, espressi bħala PO_4, jistgħu jitqiesu bħala indikattivi sabiex titnaqqas l-ewtrofikazzjoni
7. Nitrati (mg/l NO_2)	≤ 0,01		≤ 0,03		Spettrofotometrija ta' assorbiment molikulari		
8. Komposti fenoliċi (mg/l C_6H_5OH)		(2)		(2)	Skond it-togħma		Eżami skond it-togħma għandu jsir biss fejn il-preżenza ta' komposti fenoliċi hija preżunta
9. Idrokarboni tażżejt mhux raffinat		(3)		(3)	Viżwali Skond it-togħma	Kull xahar	Eżami viżwali għandu jsir regolarment darba fix-xahar, b'eżami skond it-togħma biss fejn il-preżenza ta' idrokarboni hija preżunta

Parametru	Ilmijiet salmonidi		Ilmijiet ċiprinidi		Metodi ta' analiżi jew spezzjoni	Tehid ta' kampjuni minimu u frekwenza tal-kejl	Osservazzjonijiet
	G	I	G	I			
10. Ammonja mhux jonizzata (mg/l NH_3)	≤ 0,005	≤ 0,025	≤ 0,005	≤ 0,025	Spettrofotometrija ta' assorbiment molikulari bl-użu ta' *indophenol* blu jew il-metodu Nessler assoċjati mal-pH u d-determinazzjoni tat-temperatura	Kull xahar	Valuri għall-ammonja mhux jonizzata jistgħu jeċċedu fil-forma ta' quċċati minuri matul il-ġurnata
	Sabiex jitnaqqas ir-riskju tat-tossiċità minħabba ammonja mhux jonizzata tal-konsum ta' l-ossiġnu minħabba n-nitrifikazzjoni u l-ewtrofikazzjoni, il-konċentrazzjonijiet ta' ammonja totali m'għandhomx jeċċedu dan li ġej:						
11. Ammonja totali (mg/l NH_4)	≤ 0.04	≤ 1 (4)	≤ 0.2	≤ 1 (4)			
12. Klorin residwu totali (mg/l HOCl)		≤ 0,005		≤ 0,005	Metodu-DPD ("dietyl-*p*-phenylenedieamene")	Kull xahar	Il-valuri-I jikkorrispondu għal pH = 6 Konċentrazzjonijiet ogħla ta' klorin totali jistgħu jiġu aċċettati jekk il-pH hija ogħla
13. Żingu totali (mg/l Zn)		≤ 0,3		≤ 1,0	Spettrometrija ta' assorbiment atomiku	Kull xahar	Il-valuri-I jikkorrispondu għall-ebusija ta' l-ilma ta' 100 mg/l $CaCO_3$ Għal-livelli ta' ebusija bejn 10 u 500 mg/l valuri ta' limitu korrispondenti jinsabu fl-Anness II
14. Ram maħlul (mg/l Cu)	≤ 0,04		≤ 0,04		Spettrometrija ta' assorbiment atomiku		Il-valuri-G jikkorrispondu għall-ebusija ta' l-ilma ta' 100 mg/l $CaCO_3$ Għal-livelli ta' ebusija bejn 10 u 300 mg/l valuri ta' limitu korrispondenti jinsabu fl-Anness II

(1) Varjazzjonijiet fil-pH artifiċjali fir-rigward tal-valuri mhux affettwati m'għandhomx jeċċedu ± 0,5 ta' unità pH fil-limiti li jaqgħu bejn 6.0 u 9.0 bil-kundizzjoni li dawn il-varjazzjonijiet ma jżidux l-effet dannuż ta' sustanzi oħrajn preżenti fl-ilma.

(2) Komposti fenoliċi m'għandhomx ikunu preżenti f'tali konċentrazzjonijiet b'mod li jaffettwaw ħażin it-togħma tal-ħut.

(3) Prodotti taż-żejt mhux raffinat m'għandhomx ikunu preżenti fl-ilma fi kwantitajiet tali li:
- jifformaw saff viżibbli fuq wiċċ l-ilma jew jifformaw kisi fis-sodda f'qiegħ l-ilma fil-postijiet minn fejn jgħaddi l-ilma u fil-lagi,
- jagħtu lill-ħut togħma ta' "idrokarboni",
- jipproduċu effetti dannużi fil-ħut.

(4) F'kondizzjonijiet ġeografiċi jew klimatiċi partikolari u b'mod partikolari f'każijiet ta' temperatura baxxa ta' l-ilma u ta' nitrifikazzjoni mnaqqsa jew fejn l-awtorità kompetenti tista' tagħti prova li m'hemmx konsegwenzi dannużi għall-iżvilupp bilanċjat tal-popolazzjoni tal-ħut, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu valuri ogħla minn 1 mg/l.

Osservazzjoni ġenerali:

Għandu jkun innotat li l-valuri parametriċi elenkati f'dan l-Anness jassumu li l-parametri l-oħrajn, sew jekk imsemmijin f'dan l-Anness kif ukoll jekk le, huma favorevoli. Dan jimplika, b'mod partikolari, li l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi dannużi oħrajn huma baxxi ħafna.

Fejn fit-taħlita hemm preżenti żewġ sustanzi dannużi jew aktar, effetti konġunti (effetti addittivi, ta' sinerġija jew dawk antagonistiċi) jistgħu jkunu sinifikanti.

Abbrevjazzjonijiet:

G = gwida.

I = mandatorju.

(0) = huma possibbli derogi skond l-Artikolu 11.

ANNESS II

PARTIKOLARITAJIET RIGWARD ŻINGU TOTALI U RAM MAĦLUL

Żingu totali

(ara Anness I, Nru 13, il-kolonna "Osservazzjonijiet")

Konċentrazzjonijiet ta' żingu totali (mg/1 Zn) għall-valuri differenti ta' ebusija ta' l-ilma bejn 10 u 500 mg/l $CaCO_3$:

	Ebusija ta' l-ilma (mg/l $CaCO_3$)			
	10	50	100	500
Ilmijiet salmonidi (mg/l Zn)	0,03	0,2	0,3	0,5
Ilmijiet ċiprinidi (mg/l Zn)	0,3	0,7	1,0	2,0

Ram maħlul

(Ara Anness I, Nru 14, il-kolonna "Osservazzjonijiet")

Konċentrazzjonijiet ta' ram maħlul (mg/1 Cu) għall-valuri differenti ta' ebusija ta' l-ilma bejn 10 u 300 mg/l $CaCO_3$:

	Ebusija ta' l-ilma (mg/l $CaCO_3$)			
	10	50	100	300
mg/1 Cu	0,005 (1)	0,022	0,04	0,112

(1) Il-preżenza ta' hut f'ilmijiet li fihom konċentrazzjonijiet ogħla ta' ram jistgħu jindikaw predominanza ta' komplessitajiet organiċi tar-ram maħlulin.

ANNESS III

Parti A

Direttiva mħassra bl-emendi suċċessivi tagħha

(imsemmija fl-Artikolu 17)

Direttiva tal-Kunsill 78/659/KEE (ĠU L 222, 14.8.1978, p. 1) ([1])	
Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE (ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48)	Anness I, il-punt (ċ) biss
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36)	Anness III, il-punt 26 biss

Parti B

Lista ta' limiti taż-żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(imsemmija fl-Artikolu 17)

Direttiva	Limitu taż-żmien għat-traspożizzjoni
78/659/KEE	20 ta' Lulju 1980
91/692/KEE	1 ta' Jannar 1993

([1]) Id-Direttiva 78/659/KE ġiet emendata wkoll bl-atti mhux imħassrin li ġejjin:
- l-Att ta' Adeżjoni 1979,
- l-Att ta' Adeżjoni 1985,
- l-Att ta' Adeżjoni 1994.

ANNESS IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 78/659/KEE	Din id-Direttiva
Artikolu 1(1) u (2)	Artikolu 1(1) u (2)
Artikolu 1(3), frażi ta' introduzzjoni	Artikolu 1(3), frażi ta' introduzzjoni
Artikolu 1(3), l-ewwel inċiż	Artikolu 1(3)(a)
Artikolu 1(3), it-tieni inċiż	Artikolu 1(3)(b)
Artikolu 1(4), frażi ta' introduzzjoni	Artikolu 1(4), frażi ta' introduzzjoni
Artikolu 1(4), l-ewwel inċiż	Artikolu 1(4)(a)
Artikolu 1(4), it-tieni inċiż	Artikolu 1(4)(b)
Artikolu 2(1)	Artikolu 2, l-ewwel subparagrafu
Artikolu 2(2)	Artikolu 2, it-tieni subparagrafu
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4(1) u (2)	Artikolu 4(1)
Artikolu 4(3)	Artikolu 4(2)
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6(1), frażi ta' introduzzjoni	Artikolu 6(1), frażi ta' introduzzjoni
Artikolu 6(1), l-ewwel inċiż	Artikolu 6(1)(a)
Artikolu 6(1), it-tieni inċiż	Artikolu 6(1)(b)
Artikolu 6(1), it-tielet inċiż	Artikolu 6(1)(ċ)
Artikolu 6(2)	Artikolu 6(2)
Artikolu 7	Artikolu 7
Artikolu 8	Artikolu 8
Artikolu 9	Artikolu 9
Artikolu 10	Artikolu 10
Artikolu 11	Artikolu 11
Artikolu 12	Artikolu 12
Artikolu 13(1) Artikolu 14	Artikolu 13
Artikolu 15, l-ewwel subparagrafu, frażi ta' introduzzjoni	Artikolu 14(1), l-ewwel subparagrafu, frażi ta' introduzzjoni
Artikolu 15, l-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż	Artikolu 14, l-ewwel subparagrafu, punt (a)
Artikolu 15, l-ewwel subparagrafu, it-tieni inċiż	Artikolu 14, l-ewwel subparagrafu, punt (b)
Artikolu 15, l-ewwel subparagrafu, it-tielet inċiż	Artikolu 14, l-ewwel subparagrafu, punt (ċ)
Artikolu 15, l-ewwel subparagrafu, ir-raba' inċiż	Artikolu 14, l-ewwel subparagrafu, punt (d)
Artikolu 15, it-tieni subparagrafu	Artikolu 14, it-tieni subparagrafu
Artikolu 16	Artikolu 15
Artikolu 17(1)	—
Artikolu 17(2)	Artikolu 16
—	Artikolu 17
—	Artikolu 18
Artikolu 18	Artikolu 19
Anness I	Anness I
Anness II	Anness II
—	Anness III
—	Anness IV